# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 547/01**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Rita Mizzi kif wkoll l-istess Rita Mizzi**

**vs**

**Jason Piscopo**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm265.51 (mitejn u hamsa u sittin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu) in kwantu ghas-somma ta' Lm137.51 (mija u

seba u tletin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu) lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm128.00 (mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin) lill-attrici Rita Mizzi rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tas-7 ta' Dicembru 1999 gewwa Hal-Tarxien bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAX 942 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru MIZ 185 misjuqa minn Rita Mizzi, l-assikurata tas-socjeta' attrici, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu 2000, tal-parir (Lm15.00) u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-rispoSta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi l-kollizjoni msemmija fl-avviz grat b'tort unikament ta' Rita Mizzi l-assigurata tal-attur;

Fil-fatt l-incident gara hekk:

Il-konvenut kellu l-karozza EAX 942 ipparkjata fi Triq Tempji Neolitici u malli hareg ftit kif ndikat fl-skizz tal-Pulizija ra lil MIZ 185 gejja mill-faccata distanti cirka sittin metru l-boghod u waqqaf biex ihalliha tghaddi billi fuq in-naha tal-lemin ta' Rita Mizzi kien hemm hofra fit-triq din ghafset fuq ix-xellug u laqtet lill-karozza tal-konvenut.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Sema'ix-xhieda u ezamina id-dokumenti esebiti.

Ikkonsidra:-

Illi l-crux tal-kollizzjoni tikkoncerna l-moviment taz-zewg sewwieqa fil-mument tal-kollizjoni.  Dik assikurata mas-socjeta attrici kienet miexja, il-konvenut kien bla dawl u dahal go fiha.  Da parti tieghu, il-konvenut ried johrog mill-parking, bid-dawl mixghul, meta l-vettura opposta biex tevita hofra kbira kienet fuq ix-xellug u sabet lil konvenut.

Din il-versjoni giet moghtija 'a tempo vergine' mill-konvenut lil pulizija nvestigattiv, u baqa' isostniha sal-ahhar f'dawn il-proceduri.

In kontro ezami fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2002 Rita Mizzi ammettiet li kellha tikser ta' malajr lejn ix-xellug sabiex tevita l-hofra. Kien f'dak il-mument hekk propizju li saret il-kollizjoni. Indunat bil-konvenut appena dahlet fih – ma setghetx tarah ghax kien bla dawl, jew ghax kien mohha biex tiehu azzjoni evasiva subitanea sabiex tevita li taqa  f'hofra ta' metru dijametru?.

Illi huwa l-oneru tal-attur li jipprova l-htija tal-konvenut imqar fuq bilanc ta' probabilta.  Jirrizulta lit-Tribunal li l-versjoni tal-konvenut hija wahda vigenti.  Aktar u aktar meta z-zewg vetturi kienu fid-direzzjoni opposta ghal xulxin il-konvenut seta facilment jara lil dik opposta tavvicinah. F'dawn ic-cirkostanzi, l-attur ma jistax ighid li pprova r-responsabilta tieghu ossia tal-konvenut.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**